MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 135/1992/1

**Joseph Bowman ghan-nom u in rappprezentanza tal-kumpannija W.J Parnis England Limited**

**vs**

**Emanuel Cachia u Joseph Cachia bhala diretturi u ghan-nom ta Antonio Cachia and Co. Limited**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ippremetta:

Illi l-vapur Bulent Akar dahal Malta fit-12 ta’ Novembru 1990 b’kunsenja ta’ tnax il-elf hames mija u tmienja u sebghin (12.578) kartuna tuffieh destinata lis-socjeta

konvenuta kif jidher mill-polza ta' Kariku li kopja taghha qed tigi annessa bhala Dok.A;

Illi is-sidien tal-imsemmi vapur appuntaw lis-socjeta attrici bhala agenti taghha f'Malta biex ihottu l-merkanzija, u s-socjeta attrici ghamlet l-arrangamenti kollha necessarji biex thott il-merkanzija fuq imsemmija mal-wasla tal-vapur Bulent Akar f'Malta, kif ukoll halset l-ispejjes kollha necessarji;

Illi s-socjeta attrici irrillaxat il-merkanzija fuq imsemmija lis-socjeta konvenuta qabel ma l-konvenuti noe hallsu l-ispejjes, liema procedura hija dejjem uzata f'dawn il-kazi;

Illi nonostante bosta interpellazzjonijiet mis-socjeta attrici permezz ta' diversi telexes, li kopja taghhom qed tigi hawn annessa bhala Dok.B, C u D, biex is-socjeta konvenuta thallas l-ispejjes inkorsi ghall-hatt u ghar-rilaxx tal-merkanzija, liema 'charges' ammontaw ghal elf disa mija u tnejn u sittin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm1962.85), kif jidher mill-kopja tal-invoice mahruga mill-atturi noe hawn annessa bhal Dok.E, is-socjeta konvenuta naqset illi thallas;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1 Tiddikjara li l-ispejjes inkorsi mis-socjeta attrici ghall-hatt u ghar-rilaxx tal-merkannzija mill-vapur Bulent Akar fil-12 ta' Novembru 1990 huma a kariku tal-konvenuti nominee;

2 Konsegwentement tikkundannhom ihallsu s-somma ta' elf disa mija u tnejn u sittin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm1962.85) spejjes ghall-hatt tal-imsemmija merkanzija;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Jannar 1992, u bl-interessi li jiddekkorru mit 12 ta' Novembru 1990 sal–gurnata tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nominee debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn gie eccepit:-

1 Illi in linea preliminari is-socjeta konvenuta Antonia Cachia and Co Ltd ma tezistix u lanqas ma jezisti ebda Direttur bl-isem ta' "Antonio";

2 Illi ukoll in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta kemm ghat-tenur tal-art 544(d) tal-Kodici tal-kummerc kif ukoll ghat-tenur tal-art. 2147(d) tal-Kodici Civili;

3 Illi subordinatament u fil-mertu, mhu dovut ebda hlas lis-socjeta attrici jew lill-principali taghha, ghax il-Bill of Lading ma kienx wiehed FIOS imma "Liner Terms" u ghalhekk f'kull kaz il-konsenjatarju ta' merkanzija mhu qatt responsabbli ghall-spejjez ta' skarikar tal-imsemmija merkanzija;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine debitament konfermata bill-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-9 ta' Mejju 1994 li biha giet akkolta l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine li l-azzjoni tal-attur nomine tinsab preskritta ai termini tal-artikolu 544(d) tal-Kodici tal-Kummerc u konsegwentement it-talbiet tal-attur nomine gew michuda;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Dicembru 1998 li biha gie milqugh l-appell u l-imsemmija sentenza tad-9 ta' Mejju 1994 giet revokata billi gie dikjarat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellati nomine ma kimnitx applikabbli ghal dan il-kaz u ghalhekk l-atti gew rimessi lill din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni biex il-kawza tigi trattata u deciza fil-meritu;

Rat l-affidavit ta' Julian Cachia presentat mill-konvebut nomne;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat in-nota ta' referenzi tal-attur nomine;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti nomine;

Ikkonsidrat:

Din hija kawza fejn is-socjeta attrici, wara li s-sidien tal-vapur Bulent Akar li dahal Malta fit-12 ta' Novembru 1990 b'konsenja ta' tnax il-elf hames mija u tmienja u sebghin kartuna tuffieh destinata lis-socjeta konvenuta, tqabbdet mill-imsemmi vapur bhala l-agenti taghhom f'Malta biex thott il-merkanzija meta din tasal Malta. Is-socjeta attrici ghamlet l-arrangamenti kollha necessarji biex thott il-merkanzija mal-wasla ta' l-imsemmi vapur f'Malta u hallset l-ispejjez kollha necessarji u relattivi;

Is-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-imsemmija spejjes inkorsi ghall-hatt u ghar-rilaxx tal-merkanzija pero' l-istess socjeta konvenuta baqghet inadempjenti. Dawn l-ispejjez jammontaw komplessivament ghas-somma ta' elf disa mija u tnejn u sittin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm1962.85). Din il-kawza saret sabiex jigi dikjarat li l-imsemmija spejjes inkorsi mis-socjeta attrici ghall-hatt u ghar-rilaxx tal-merkanzija in kwestjoni huma a kariku tal-konvenuti nomine. Il-kawza qed issir ukoll sabiex is-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas is-somma indikata;

Bhala eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fadal biss li tigi trattata u deciza l-eccezzjoni fil-meritu u cioe' li mhu dovut ebda hlas lis-socjeta attrici jew lill-principali taghha, ghax il-Bill of Lading ma kienx wiehed FIOS imma "Liner Terms" u ghalhekk f'kull kaz il-konsenjatarju ta' merkanzija mhu qatt responsabbli ghall-spejjez ta' skarikar tal-imsemmija merkanzija;.

Il-kwestjoni ghalhekk hi dwar minn ghandu jhallas l-ispejjez tal-iskarikar tal-merkanzija minn fuq il-vapur ghall-fuq l-art. B'mod partikolari ghandu jigi deciz jekk jispettax lis-socjeta konvenuta li thallas l-imsemmija spejjez konnessi mal-iskarikar tal-merkanzija;

Jirrizulta li l-polza tal-kariku relattiva kienet dik mgharufa bhala "Liner Bill of Lading". Is-socjeta attrici esebit dokument (dok.G - a fol 42) li jindika li l-kuntratt ta' garr kien "free out terms." Jirrizulta ukoll li s-sidien tal-vapur insistew li d-"discharging expenses" ghandhom jithallsu mir-ricevituri hawn Malta;

F'dan ir-rigward pero' ma jirrizultax li hemm l-ittri "FIOS" stampati fuq il-bill of lading relattiv. Ghalhekk jidher li s-sottomissjoni tas-socjeta konvenuta u cioe' li huma mhux responsabli li jhallsu l-ispejjez tal-iskariku, hi ben fondata. Il-polza relattiva hi dik maghrufa bhala "a liner bill of lading". Is-socjeta konvenuta hi marbuta biss skond il-fthim li ghmlet u ghalhekk ma jirrizultax li hi tenuta li thallas id-"discharging expenses" in kwestjoni;

Ghallhkk l-eccezzjoni fil-meritu tas-socjeta konvenuta ghandha tigi akkolta u konsegwentement it-talbiet kollha attrici jimmeritaw li jigu rigettti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjoni fil-meritu tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------